MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 2395/2000/1

**David Pace**

***kontra***

**Frans u Paola sive` Paulette konjugi Falzon bhala l-legittimi rappresentanti tal-minuri Sheldon Falzon u b`digriet tal-20 ta` Jannar 2006 Sheldon Falzon assuma l-atti f`ismu stante li sar maggorenni**

**Il-Qorti :**

Rat ic-citazzjoni presentata fit-3 ta` Novembru 2000 li taqra hekk -

*Premess illi l-attur kien involut f`incident mal-konvenut Sheldon Falzon nhar it-12 ta` Dicembru 1999*

*ghall-habta tas-siegha ta` filghodu fil-lokal Bamboo Bar, Paceville, San Giljan, meta l-konvenut Sheldon Falzon hebb ghall-attur u kkagunalu feriti ta` natura gravi u permanenti fuq il-persuna tieghu ;*

*Premess illi a kawza tal-agir tal-konvenut Sheldon Falzon, l-attur sofra danni konsiderevoli fuq il-persuna tieghu hekk kif spjegat fir-rapport mediku tal-konsulent mediku Dottor Anthony Galea Debono hawn anness u mmarkat DOK A ;*

*U premess illi ghalkemm il-konvenuti gew debitament interpellati mill-attur sabiex dawn jersqu ghal-likwidazzjoni u eventwali hlas ta` danni, dawn baqghu nadempjenti ;*

*Ighidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex -*

*1. Tiddikjara illi d-danni sofferti mill-attur fuq il-persuna tieghu gew ikkagunati unikament minhabba l-agir tal-konvenut Sheldon Falzon.*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attuu u dana a kawza tal-agir tal-konvenut Sheldon Falzon.*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur s-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur, il-lista tax-xhieda ndikati minnu u c-certifikat mediku DOK A li kien esebit mac-citazzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti presentata fit-30 ta` Jannar 2011 li taqra hekk –

*1. Illi preliminarjament l-allegazzjonijiet kontenuti fic-citazzjoni ta` l-attur huma ghal kollox nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux veru li l-konvenut Sheldon Falzon hebb ghall-attur izda l-konvenut Sheldon Falzon kien il-vittma tal-agir insensat tal-attur.*

*2. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet kontenuti fic-citazzjoni ta` l-attur huma ghal kollox nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux veru li l-konvenut Sheldon Falzon ikkaguna xi danni lill-attur u jekk gew ikkagunati xi danni lill-attur dawn gew ikkagunati minhabba l-agir illegali, abbusiv u rresponsabbli da parti tal-attur li aggredixxa ghal xejn b`xejn lill-konvenut Sheldon Falzon.*

*3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda ndikati taghhom.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta (fol 42) moghti fl-udjenza tal-21 ta` Ottubru 2002 fejn, b`riferenza ghar-rapport tat-Tabib Konsulent Dr. Anthony Galea Debono esebit mill-attur, tat lill-konvenuti gimgha zmien sabiex jiddikjaraw jekk ghandux jigi nominat espert mediku u fin-nuqqas il-Qorti taghmel taghha l-konkluzjonijiet ta` Dr. Galea Debono.

Rat li mill-atti ma jirrizultax li l-konvenuti ghamlu dikjarazzjoni kif kienu diretti jaghmlu mill-Qorti f`dik l-udjenza.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tal-25 ta` Novembru 2002 (fol 43) fejn ipprovdiet li ma kienx il-kaz li ssir il-hatra ta` espert mediku iehor.

Rat ir-rikors tal-konvenut tad-19 ta` Jannar 2005 (fol 89) fejn talab il-hatra ta` espert mediku sabiex jirrelata dwar id-dizabilita` permanenti o meno tal-attur.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-1 ta` Frar 2005 (fol 91) fejn hatret lil Dr. Mario Tabone sabiex jezamina lill-attur dwar id-dizabilita` li sofra.

Rat in-nota ta` Dr. Mario Tabone tat-28 ta` Frar 2005 (fol 93) fejn talab li jigi esentat min-nomina ta` espert mediku.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-25 ta` April 2005 (fol 96) fejn hatret lil Dr. Ivan Vella ghall-fini tar-rikors tal-konvenut tad-19 ta` Jannar 2005.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-23 ta` Jannar 2006 fejn akkordat it-talba ta` Sheldon Falzon sabiex jassumi l-atti tal-kawza minflok il-genituri tieghu Frans u Paola sive` Paulette Falzon billi lahaq ghalaq it-tmintax (18) –il sena.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-4 ta` Gunju 2007 (fol 110) fejn issostitwiet bhala espert mediku lil Dr Ivan Vella b`Dr Franco Mercieca.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti kif presjeduta moghti fl-udjenza tat-28 ta` Mejju 2009 (fol 123) fejn irrevokat l-inkariku ta` Dr. Franco Mercieca bhala espert mediku, billi ghal xi raguni baqa` ma espletax l-inkariku tieghu, u hatret minfloku lil Dr. Mario Tabone.

Rat in-nota ta` Dr. Mario Tabone tal-1 ta` Lulju 2009 (fol 125) fejn talab li jigi esentat min-nomina ta` espert mediku.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti kif presjeduta moghti fl-udjenza tal-15 ta` Ottubru 2009 (fol 126) fejn laqghet it-talba ta` Dr. Mario Tabone.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti kif presjeduta moghti fl-udjenza tat-3 ta` Novembru 2009 (fol 128) fejn hatret lill-Ispecjalista Oftalmologu Dr. Denis Mallia bhala espert mediku sabiex jezmina lill-attur bil-ghan li jistabilixxi jekk b`konsegwenza tal-incident mertu ta` din il-kawza garrabx debilita` ta` natura permanenti f`ghajnejh. Il-Qorti dderigiet lill-espert sabiex f`kaz illi jsib debilita` permanenti, jaghti r-rata ta` din id-debilita` bhala *overall disability* mhux bhala *visual diability*.

Rat ir-relazzjoni tal-espert mediku l-Ispecjalista Oftalmologu Dr. Denis Mallia (fol 131 u 132) li kienet prezentata fit-22 ta` Dicembru 2009 u mahlufa fl-udjenza tat-12 ta` Jannar 2010 (fol 134).

Rat in-nota tal-konvenut prezentata fil-15 ta` Jannar 2010 (fol 136) fejn talab il-hatra ta` periti addizzjonali.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta` Marzu 2010 (fol 137) fejn id-difensur tal-konvenut informa lil din il-Qorti li l-

konvenut kien qieghed jirrinunzja ghall-hatra ta` periti addizzjonali.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-attur li kienet prezentata fl-24 ta` Awissu 2010.

Rat li l-konvenut ma pprezentax nota responsiva.

Rat id-digriet moghti fl-udjenza tat-30 ta` Novembru 2011 (fol 153) fejn halliet il-kawza ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu.*

Qieset il-provi li ressqu l-partijiet.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat li ma hemm l-ebda ostakolu sabiex is-sentenza tinghata llum.

**Ikkunsidrat :**

Mill-assjem tal-provi jirrizulta li kienu tnejn il-persuni, **u tnejn biss,** li attwalment fissru kif sehh il-korriment tal-attur. Ohrajn spjegaw dak li gara qabel u dak li gara wara izda kienu **biss** l-attur u l-konvenut li taw id-dettalji tal-feriment.

Kienu biss erba` l-persuni li taw ix-xhieda taghhom fil-kawza tal-lum li kienet inizjata fit-3 ta` Novembru 2000 u qeghda tintemm illum, almenu fl-ewwel istanza.

Incidentalment l-erba` persuni xehdu bil-procedura tal-affidavit, u sar il-kontroezami ta` tlieta minnhom. Fil-fatt ma sarx kontroezami tal-konvenut.

L-ewwel ma xehed kien **l-attur** fil-31 ta` Ottubru 2001. Dak iz-zmien kellu 28 sena.

Jibda billi jaghti l-isfond ta` kif sar jaf lill-konvenut u dwar l-imgieba tal-konvenut fi zmien meta l-partijiet kienu ghadhom hbieb li – din il-Qorti tghid - ftit li xejn huwa rilevanti ghall-kaz tal-lum.

Rilevanti ghal din il-Qorti huwa l-incident ta` kif l-attur korra lill-konvenut f`xi zmien qabel l-incident mertu ta` din il-kawza. L-attur ifisser x`kien gara fil-Luna Park tal-Blata l-Bajda u l-imgieba hazina tal-konvenut. Din l-imgieba wasslet lill-attur li jaqbad u jitlaq lill-konvenut.

Mill-affidavit ta` l-attur, jirrizulta li l-attur mar Tal-Pieta` fejn iltaqa` ma` hbieb tal-partijiet jisimhom Renato u Wayne. Huwa rikeb il-karozza ta` Renato fejn kienu l-istess Renato u Wayne.

Skond l-attur, wara ftit tal-hin, wasal ukoll il-konvenut li rikeb l-istess karozza u qaghad bilqeghda hdejn l-attur.

L-attur jixhed li l-konvenut beda jghajjru ghax kien hallieh wahdu l-Blata l-Bajda u haslu bi flixkun tal-Coca-Cola. L-attur ighid li huwa qal lill-konvenut biex ihallieh bi kwietu u l-konvenut beda jxejjer il-flixkun. Indahal Wayne u hadlu l-flixkun minn idu.

Skond l-attur, il-konvenut beda jheddu wara li qabadlu s-sigrieti tieghu.

L-attur kompla jixhed hekk –

*Jiena mbaghad bdejt nirrezisti ghaliex bdejt ukoll inwegga` u kelli naghtih daqqa ta` ras f`wiccu halli hu jitlaqni kif ukoll kelli nigdimlu widintu.*

Skond l-attur, wara dak l-incident, huwa qata` ghal kollox minn dawk it-tlieta nkluz il-konvenut.

Xi sitt xhur wara, il-konvenut pprova jidhol fuqu b`van Volvo ta` missieru hdejn il-Housing Estate tal-Pieta`. Dak ma kienx kaz izolat. L-attur ma tax kaz tal-konvenut.

Il-versjoni tal-attur tissokta hekk –

Fil-11 ta` Dicembru 1999, l-attur kien sejjer lejn id-dar wara li attenda *party* tal-gherusija ta` kugin tieghu, ghadda minn quddiem il-Kazin tal-Football ta` Pieta` Hotspurs u ltaqa` ma` certu Victor Grech li jigi kugin ta` omm l-attur. Dan stiednu sabiex jidhlu l-Kazin.

Wara marru flimkien Paceville sabiex Victor Grech ifittex lil ibnu Mario. Dahlu jittawlu l-Bamboo Bar. Kien wara nofs il-lejl. Hemm l-attur lemah lill-konvenut. Il-konvenut mar ikellem lil Victor ghax kien jafu u Victor qal lill-konvenut li billi kien wasal il-Milied il-konvenut u hu kellhom jergghu jaghmlu hbieb. Il-konvenut ma riedx ghalkemm l-attur kien lest jaghmel paci mal-konvenut.

Gara li persuna li kienet mal-konvenut marret hdejn l-attur u bdiet timbuttah. Lil dan ma kienx jafu. Huma kellhom xi jghidu bid-diskors. Indahlu n-nies tas-*security* u firduhom. Kif tas-*security* kienu qed izommu lill-attur, il-

konvenut kisser flixkun mal-art u ta daqqa lill-attur fuq rasu.

L-attur tilef hafna demm u beda jistordi. Ittiehed id-Dipartiment tal-Emergenza tal-Isptar San Luqa. Konsegwenza tad-daqqa ta` flixkun li qala`, l-attur baqa` jsofri minn ugigh ta` ras kontinwu u persistenti, u jara c-cpar mill-ghajn tal-lemin. Inoltre ma jhossx parti minn wiccu.

Skond l-attur, minhabba din il-kondizzjoni, l-attur ma jistax jahdem ghaliex certa xoghol ma baqax tajjeb ghalih. Kien qieghed ibati minn depressjoni u ansjeta` kbira u kien jattendi regolarment s-*Psychiatric Unit* fid-dipartiment tal-*Outpatients* tal-Isptar San Luqa.

Mistoqsi jekk ghamilx rapporti lill-pulizija dwar l-imgieba hazina tal-konvenut fil-konfront tieghu, inkluz fejn ittenta jidhol fuqu bil-karozza, l-attur wiegeb li ma kien ghamel l-ebda rapport.

Huwa kkonferma li dwar l-incident meta gidem lill-konvenut, huwa kien tressaq il-Qorti u nstab hati.

**Victor Grech** xehed bl-affidavit fit-3 ta` April 2002. Fis-sostanza, huwa kkorrabora x-xhieda tal-attur.

Victor Grech xehed li huwa kien jaf li l-attur u l-konvenut kienu miksurin u meta dahlu fil-Bamboo Bar u ra lill-konvenut ipprova jirrangahom. L-attur kien dispost jirranga. Il-konvenut wiegbu fin-negattiv. Ra lill-attur jillitiga ma` wiehed li kien mal-konvenut u li ma kienx jafu. Hu stess intervjena u ha lill-iehor barra mill-bar. L-attur u l-konvenut baqghu hdejn xulxin fil-bar. Meta dahal lura fil-bar sab lill-attur b`wiccu kollu demm. Kien mitluf minn

sensih u hadu fil-pront id-Dipartiment ta` l-Emergenza tal-Isptar.

**Il-konvenut** xehed bl-affidavit fil-11 ta` Gunju 2003.

Skond il-konvenut, l-attur kien ilu mqabbad mieghu ghal diversi snin. Dan kien dovut ghall-fatt li hu kellu tfajla waqt li l-attur ma kellux.

Dwar l-incident tat-30 ta` Mejju 1999 go Tal-Pieta` jixhed li huwa kien passiggier ma` l-attur go vettura fejn kien hemm Wayne Schembri. L-attur beda jilghab bl-idejn, qallu biex ma jkomplix ghax kien qed iwegghu. L-attur imbaghad gidmu fil-widna tax-xellug, beda jaghfsu u jaghtih daqqiet b`rasu bil-konsegwenza li kellhom isiru sitt stitches fuq ghajnu x-xellugija u madwar widejh. L-attur tressaq il-Qorti dwar dan l-incident.

Dwar l-incident mertu tal-kawza tal-lum, il-versjoni tal-konvenut kienet hekk –

Huwa kien qieghed fil-Bamboo Bar, Paceville, flimkien ma` Wayne Condorato. Dahal l-attur ma` persuna ohra. Kif rah qal lil Wayne biex jitilqu `l barra. L-attur tlewwem ma` Wayne. Min kien ma` l-attur qallu biex jiehu *drink* mieghu.

Huwa qal lil Wayne biex ikomplu hergin. L-attur dawwar idejh ma` ghonqu, jaghfas u jinsisti mieghu li jiehu *drink* mieghu. Wayne indahal fis-sens li qallu kif kien qed jippretendi li jiehu drink mieghu meta ghamillu l-punti fl-incident ta` qabel.

L-attur ried li johorgu jiggieldu. Waqt li kienu hergin, l-attur ta daqqa ta` ponn lil Wayne fuq widnejh il-leminija u Wayne spicca mal-art.

Il-konvenut beza` mill-attur.

L-attur stieden lilu ghall-glied. Hebb ghalih u beda jaghtih daqqiet ta` sieq fl-istonku u bl-addocc fis-sigrieti.

Il-konvenut ighid li huwa pprova jiddefendi ruhu tenut kont li l-attur kien ta` statura akbar minnu. Qabad flixkun u ta daqqa lill-attur.

Meta hareg mill-bar, Wayne kien ftit metri boghod minnu.

Dwar dan l-incident, huwa tressaq il-Qorti izda kien liberat mill-akkuzi dedotti kontrih.

Ix-xhud **Wayne Condorato** xehed b`affidavit tas-27 ta1 Gunju 2000.

Dakinhar tal-incident fil-Bamboo Bar, Paceville, huwa kien mal-konvenut.

Ra lill-attur ghall-ewwel u lill-iehor jippassiggjaw fil-bar. Kien jaf bl-incident ta` erba` xhur qabel. Il-konvenut baqa` jibza` wara dik l-esperjenza. Kien hemm okkazjonijiet li anke ra lill-attur go Paceville kien jitwerwer minnu u jghidlu biex jiskartawh. Dakinhar ukoll qallu biex jitilqu `l barra.

L-attur avvicina lilu (mhux lill-konvenut) u qallu ghalfejn kien qieghed ihares lejh bl-ikrah. Dak li kien mal-attur qal lill-konvenut biex jixorbu flimkien u qallu li kienu ghadhom zghar u jixorbu biss soft drink.

L-attur dawwar idejh ma` ghonq il-konvenut, beda jaghfsu u jinsisti mieghu li jixorbu flimkien. Hu wiegbu – jiehdu drink mieghu meta ghamel dak li ghamel lill-konvenut. L-attur stedinhom ghal glied barra l-bar.

Kif se johorgu barra, l-attur xejjer daqqa ta` ponn fuq widnejn tal-lemin ta` Wayne u tefghu fl-art. Imbaghad sabbat lill-konvenut mal-bar. Il-konvenut waqa` fl-art u l-attur beda jaghtih bis-sieq laqtu f`sidru u fl-istonku ghalkemm l-iehor ipprova jferraq. Wayne hareg jigri barra.

Wara hames minuti, jara lill-konvenut bid-demm f`wiccu bil-flokk imcappas bid-demm, izomm idejh mal-istonku. Telqu jhaffu kemm felhu ghalkemm ma tantx setghu ghax il-konvenut kien qed izappap. Xi hadd ghajjat biex jieqfu izda komplew jigru. Ma marrux ghand il-pulizija. Qabdu taxi u marru d-dritt id-dar tal-konvenut go Tal-Pieta`. Huwa raqad ghand il-konvenut.

**<u>Fil-kontroezami</u>,** Wayne Condorato xehed li huwa ra lill-konvenut fl-art. Ma setax ighid jekk il-persuna li kienet mal-attur kienx involut fil-glieda. Huwa ra lill-konvenut jaqla` biss ghax bil-biza` telaq `il barra.

Mistoqsi dwar ix-xhieda ta` Wayne Condorato, l-attur xehed li dak ma kienx qed ighid is-sewwa.

**Ikkunsidrat :**

Kull kaz ghandu jkun esaminat fuq il-mertu u l-fattispece partikolari tieghu. Dan ighodd ukoll fejn tidhol l-applikazzjoni ghall-kaz tal-principji tad-dritt kif mifhuma fid-dottrina u fil-gurisprudenza. B'hekk il-gudikant ikun f'qaghda li jsahhah il-konvinzjoni u l-konkluzjonijiet tieghu. Ic-certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit-totalita' tal-provi u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet.

Bhala punt ta' dritt, il-piz tal-prova fil-mertu huwa mixhut fuq l-attur in kwantu l-konvenut jibqa' assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. Il-Qorti trid tara jekk l-attur issoddisfax dak l-oneru billi wasal biex jipprova l-legittimita' tal-pretensjoni tieghu jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta' gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement ippruvati (*non esse et non probari paria sunt*).

Dan kollu jissarraf fil-principju li jirregola l-piz tal-prova u cioe' li x-xjenza tal-fatt allegat ghandu jigi pruvat mill-persuna li qed tallega dik ix-xjenza. *Del resto* hekk ukoll ighid l-Art. 562 tal-Kap. 12 u fil-kaz li din il-prova ma tkunx adegwata jew fil-kaz ta' dubbju l-allegata xjenza ghandha tigi rigettata. (**"Theuma vs Mercieca"** – Qorti tal-Appell – 20 ta' Frar 1996 ; **"Fenech Clarke et vs Borg et"** – Qorti tal-Appell – 30 ta' Mejju 1997 u **"Mizzi noe vs Borg et"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 29 ta' Settembru 2009).

Dan premess, jirrizulta li l-incident li qed jigi trattat fil-kawza tal-lum kien il-mertu ta` proceduri kriminali li ttiehdu kontra l-konvenut.

Permezz ta` sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-26 ta` Marzu 2002 il-konvenut kien liberat mill-akkuzi dedotti kontrih. Fost dawn l-akkuzi kien hemm l-akkuza li hebb

ghal David Pace bi flixkun u kkagunalu feriti ta` natura gravi skond kif iccertifikaw it-tobba tal-iSptar San Luqa.

Fis-sentenza jinghad hekk (fol 75A) –

*Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat u David Pace kienu jafu lil xulxin peress li ghamlu xi zmien johorgu flimkien. Gara li xi tlett xhur qabel dan l-incident mertu ta` din il-kawza David Pace kien aggredixxa lill-imputat meta kienu go karozza fuq is-seat ta` wara u kien gidem widen l-imputat.*

*Illi l-versjoni ta` David Pace hi li waqt li kellhom diskussjoni go bar l-imputat kiesah u biered tah daqqa ta` flixkun. Il-versjoni tal-imputat hi li hu kien f`dan il-bar fil-kumpannija ta` habib tieghu meta gie fuqhom David Pace. David Pace qal lil Wayne Condorado ghaliex qed ihares lejh bl-ikrah u stiednu ghall-glied. Condorado li hu zghir fil-korporatura ried jitlaq izda waqt li kien sejjer David Pace xejjirlu daqqa ta` ponn u waqqghu mal-art. Ghandu jinghad li David Pace huwa ghaxar snin akbar mill-imputat u anke ghandu korporatura akbar minn tieghu. Wara qabad jaghti lill-imputat, waqqghu mal-art u beda` jtih bl-addocc. Kif kien mal-art, l-imputat qabad l-ewwel oggett li gie f`idejh u ta daqqa bi flixkun fuq wicc David Pace. Din il-versjoni giet moghtija kemm mill-imputat kif ukoll minn Wayne Condorato.*

*Illi konsegwenza ta` dan il-fatt David Pace garrab feriti fuq wiccu li fil-fehma tal-Avukat Generali huma ta` natura hafifa skond kif indika fl-artikoli tal-ligi hawn fuq citati.*

*Illi mill-kumpless tal-provi prodotti hu car li l-imputat safa` l-mira ta` persuna ferm akbar minnu, kemm fl-eta`, kif ukoll fil-korporatura. L-imputat iddefenda ruhu kif seta` u wiehed ma jistax jaghtih tort hejj utilizza l-ewwel oggett li gie ghal idejh meta kien mal-art qed jaqla`. Ma ninsewx li l-imputat kien diga` vittma ta` David Pace. Fic-cirkostanzi ta` dan il-kaz jidher car li dak li ghamel l-imputat ghamlu*

*xejn aktar hlief ghad-difiza tieghu minn agressjoni vjolenti u ngusta.*

Din il-Qorti diversament presjeduta (PA/PS) fil-kawza **"Carbonara vs Ryan"** deciza fit-28 ta' Jannar 2004 osservat li ma hemm xejn hazin li gudikant fi process civili jorbot decizjoni tieghu mal-provi migbura fi procediment kriminali propju ghaliex fil-ligi ma hemm xejn kuntrarju ghall-ezebizzjoni f'kawza civili ta' kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti (**Vol XXV.I.689 u Vol XXXIX.II.768**).

Fis-sentenza moghtija fis-27 ta` Lulju 2007 mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Pace vs Camilleri**" kien rilevat hekk –

*Fir-rigward tas-sottomissjonijiet tal-appellant illi l-proceduri kriminali ghandhom jinzammu separati mill-proceduri civili, ghalkemm l-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali jghid proprju dan ossia – "L-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement wahda mill-ohra" – fic-cirkostanzi ta' din il-kawza ghandu jittiehed in konsiderazzjoni anke l-Artikolu 632(1) tal-Kap.12 li jipprovdi illi "Kull dikjarazzjoni maghmula mill-parti kontra taghha nfisha, u kull kitba ohra li jkun fiha konfessjonijiet, konvenzjonijiet jew obbligi, jistghu jingiebu bi prova." Sakemm ma jigix pruvat, imqar fuq bazi ta' probabilita`, li dik id-dikjarazzjoni – f'dan il-kaz il-verbal – kienet menzonjera jew ghall-anqas ma kenitx tirrispekkja dak li verament ried jinghad, dik id-dikjarazzjoni tista' tittiehed bhala prova. Ghalhekk, ghalkemm iz-zewg proceduri jinzammu separati, dak li jsehh f'wahda mill-proceduri jista' jingieb bhala prova fil-procedura l-ohra …*

Naturalment minhabba l-indipendenza tal-azzjoni civili mill-azzjoni kriminali, il-gudizzju in sede penale jikkostitwixxi **biss wahda mill-provi** li l-Qorti Civili trid tiehu in konsiderazzjoni (ara - **"Xuereb vs Micallef" – Appell – 26 ta' Novembru 1923 ; "Abela vs Bonnici" - PA - 23 ta' Jannar 1958 ; "Briffa vs Abela" - PA - 28 ta'**

**<u>Marzu 2003 ; u "Caruana vs Ministru tal-Ambjent et" – PA – 7 ta' Lulju 2004</u>**)

Dan il-punt ta` dritt kien imfisser b`reqqa fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza "**<u>Camilleri vs Cassar</u>**" moghtija fl-1 ta` Dicembru 1955 kien inghad a propozitu hekk -

*Mill-principju sancit fl-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali, jigifieri tal-ezercizzju taz-zewg azzjonijiet, tidderiva biss il-konsegwenza illi l-provi tal-azzjoni simili ghandhom isiru ex integro quddiem il-Qorti Civili kompetenti, u dawk tal-azzjoni kriminali, anke ex integro quddiem il-Qorti Kriminali ; pero` xejn ma josta illi jsir il-konfront bejn dawk il-provi, ghall-fini ta' attendibbilita` taghhom u tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. Minn hawn jidher ukoll illi konformement ghar-regola relattiva ghall-provi, tista' tigi prodotta f'kawza civili, li tkun ghadha pendenti, kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq dawk l-istess fatti; u dan in forza tal-Artikolu 627(e) tal-Kap.12.*

Mal-premess, din il-Qorti izzid tghid **<u>ukoll</u>** li l-*onus* tal-prova huwa divers fil-kamp penali minn dak fil-kamp civili fis-sens li filwaqt li fil-kamp penali jispetta lill-Prosekuzzjoni li tipprova l-htija tal-akkuzat *oltre* d-dubbju dettat mir-raguni, fejn allura l-akkuzat ghandu jigi liberat minn dawk l-akkuzi jekk ikun jissussisti dubbju dettat mir-raguni, fil-kamp civili, l-*onus* tal-prova, ghalkemm jibqa` jinkombi fuq min jallega u cioe` tal-attur, jitkejjel fuq il-bilanc ta` probabilitajiet. Huwa propju ghalhekk li dak deciz f`sede penali jista` jkun biss wahda mill-provi ghall-fini tal-proceduri civili propju ghaliex iz-zewg proceduri huma indipendenti u awtonomi minn xulxin kif ukoll ghaliex l-*onus* tal-prova huwa trattat diversament. Mela ghall-fini tal-kawza tal-lum, din il-Qorti <u>tinsisti</u> li dik rilevanti hija l-prova tal-htija fuq bilanc ta` probabilitajiet. Fil-kamp civili, ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminix dak li jkun gie spjegat lilu izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet

humiex verosimili fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja. **(“Borg et vs Bartolo” – Appell Inferjuri – 25 ta’ Gunju 1980**).

Meta din il-Qorti tigi biex tizen l-akkadut, issib zewg verzjonijiet **dijametrikament** opposti. Verzjoni minnhom certament mhix veritiera. Il-feriment tal-attur huwa deskritt **biss u unikament** mill-kontendenti ghaliex iz-zewg persuni l-ohra li kienu mal-partijiet dak il-hin tal-feriment ma setghux ifissru bl-ezatt x’gara ghalkemm baqghu t-tnejn fl-akkwati. U allura fejn si tratta tal-protagonisti tal-glieda, din il-Qorti trid necessarjament timxi b’kawtela kbira ghall-fini ta’ kredibilita’. Kawtela ghaliex trid tiehu kont tal-fattur tal-animozita`, li xi drabi jwassal ghal inkonsistenzi, jew ghal imgieba li tmur `il hinn minn dak li huwa naturali anke jekk reattiv, u tixref fuq l-inversosimili..

Fis-sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawza **“Farrugia vs Farrugia”** moghtija fl-24 ta’ Novembru 1966 inghad hekk in linea ta’ principju –

*Il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita’ u specifikament dawk tal-konsistenza u verosimiljanza ghandhiex teskludi lill-ohra anke fuq bilanc ta’ probabiliatjiet u tal-preponderanza tal-provi ghax dawn f’kawzi civili huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. Mhux kwalunkwe tip ta’ konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f’dik l-istat ta’ perpelessita’ li minhabba fih ma tkunx tista’ tiddecieci b’kuxjenza kwieta u jkollha taqa’ fuq ir-regola in dubio pro reo.*

Fil-kaz tal-lum, irrizulta li kawza ta` incident li sehh xi xhur qabel bejn il-partijiet, l-attur kien ikkaguna korriment ghad-dannu tal-konvenut. Dan il-feriment ma kienx wiehed legger ghax kien jikkomprendi gdim. Ghal dak l-incident, l-attur kien mixli penalment u misjub hati. Wara dak l- incident, ma kienx hemm inkontri ravvicinati bejn il-partijiet ghajr ghall-incident mertu ta` din il-kawza.

F`dan l-incident, fuq l-iskorta tal-provi medici, nafu li l-attur garrab feriti debilitanti (ghad-differenza ta` dak li rrizulta fil-kawza kriminali) u dan sar konsegwenza tad-daqqa ta` flixkun li l-konvenut ta lill-attur. Fl-incident de quo, jekk kien hemm *grudge*, din certament kienet tal-konvenut fil-konfront tal-attur ghaliex fl-ewwel incident kien propju hu li garrab il-konsegwenzi. Mela ladarba sabu ruhhom it-tnejn fl-istess post ta` divertiment, ad insaputa tal-fatt li kienu sejrin jiltaqghu, ma hemm xejn barra minn hawn li l-attur jipprova javvicina lill-konvenut biex jipprova jirranga mieghu ladarba kien l-attur li ferieh fl-ewwel okkazjoni. Jekk xejn anke l-konvenjenza hekk tiddetta.

Din il-Qorti ma taccettax bhala attendibbli u kredibbli l-allegazzjoni tal-konvenut li l-attur qaghad jassara mal-konvenut, kif spjega l-konvenut, meta tal-ewwel kien diga` spicca fl-inkwiet mal-konvenut.

Ghal din il-Qorti, huwa aktar verosimili li l-istint tal-konvenut wasslu biex f`dak il-post ipattieha lill-attur ghal dak li l-attur kien wettaq fil-konfront tieghu fl-incident ta` qabel.

Bhala punt ta` dritt, din il-Qorti tghid li min jikkaguna danni fi glieda ma jistax jinvoka, b'menomazzjoni tad-danni, il-provokazzjoni, jew, forsi aktar ezattament, il-"*calor rixae*", jekk il-provokazzjoni jkun gabha hu stess. Kieku stess min jikkaguna d-danni kkagunahom waqt li kien qieghed jirreagixxi, l-iskuzanti tal-provokazzjoni lanqas hi ammessa, jekk dik ir-reazzjoni tieghu ma kenitx proporzjonata. (**<u>Vol XL Pag. 376</u>**).

Tibqa` meraviljata din il-Qorti kif Wayne Condorato jispjega d-drammaticita` ta` l-feriti li l-konvenut suppost garrab fil-glieda mal-attur fil-Bamboo Bar. Imbaghad il-

konvenut stess isemmi mill-inqas dawk l-allegati feriti, ma jressaq l-ebda prova medika in sostenn, ma jfittex l-ebda kura medika fir-rigward, ma jaghmilx rapport tal-akkadut lill-pulizija u wisq anqas jitlob li jittiehdu passi kriminali kontra l-attur. Mhux biss. Izda il-konvenut u Wayne Condorato ighidu li kienu vittmi tal-attur, imbaghad jaharbu minn fuq il-post minghajr ma jaghtu raguni li taghmel sens ladarba rrizulta li l-attur kien korrut u ma setax jaghmel reazzjoni. Harbu mhux ghax bezghu minn xi reazzjoni ta` xi hadd izda sabiex ma jibqghux fuq il-lok tal-misfatt. Il-versjoni tal-attur toqrob l-aktar lejn is-sewwa minn dik tal-konvenut.

F`dan l-istadju din il-Qorti, filwaqt li taghmel riferenza ghall-**Art.1031** u l-**Art.1032(1)** tal-Kap.16, tghid li fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Attard vs Attard"** fil-20 ta' Gunju 1984 inghad li *d-danni sofferti fi glieda ghandu jirrispondi ghalihom min kien il-provokatur taghha* (ara ukoll Vol.XXXVI. 11.467).

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Gauci vs Gauci"** deciza fit-30 ta` Novembru 1956, kien ritenut li *min jikkaguna danni fi glieda ma jistax jinvoka, b'menomazzjoni tad-danni, iI-provokazzjoni ... jekk ilprovokazzjoni kien ipprovokaha hu stess jew jekk iI-fatti juri Ii hu kien qieghed jagixxi minhabba xi risentiment li kellu minn qabel versu l-parti ohra. U kieku stess min ikkaguna d-danni ikkagunahom waqt li kien qieghed jirreagixxi, l-iskuzanti tal-provokazzjoni l-anqas hi ammessa, jekk dik ir-reazzjoni tieghu ma kenitx proporzjonata.* Fil-kawza "**Il-Pulizija vs Emanuel Tabone"** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-28 ta` Awissu 1998 inghad li *provokazzjoni trid tkun talli li f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt. II-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv ; il-bniedem ta' temperament ordinarju*.

Din il-Qorti tghid li fil-konfront tal-versjoni tal-konvenut, il-versjoni tal-attur hija aktar kredibbli, konsistenti u verosimili. Ghalhekk **tghid li fuq bilanc ta` probabilitajiet kienet ippruvata ghas-sodisfazzjon taghha l-htija unika tal-konvenut ghall-feriment tal-attur**.

**Ikkunsidrat :**

Fil-kawza tal-lum, l-attur qieghed jirreklama kemm *damnum emergens* kif ukoll *lucrum cessans* fil-kuntest tal-**Art.1045(1) tal-Kap.16**.

Il-prova tad-***damnum emergens*** ta` l-attur huma d-dokumenti esebiti mill-attur permezz ta` nota a fol 44 u markati minn Dok DP3 sa Dok DP17.

Din il-Qorti qieset bir-reqqa dawn id-dokumenti u tghid li l-ammont pretiz ta` Lm 167.33 u cioe` **€389.77** huwa gustifikat.

In kwantu ghal-***lucrum cessans*** din il-Qorti tghid li l-espert mediku *ex parte* Dr. Anthony Galea Debono kien stabilixxa debilita` permanenti globali ta` 50% in kwantu ghal 40% ghal telf ta` vista, in kwantu ghal 5% bhala telf ta` sensazzjoni fil-hadd tal-lemin tal-wicc u fil-gbin (*forehead*) u in kwantu ghal 5% minhabba l-isfregju. Dr. Galea Debono ikkonferma l-konkluzjonijiet tieghu bil-gurament. L-espert mediku tal-Qorti, Dr. Denis Mallia, huwa Tabib Oftalmologu u hu rrelata dwar kif id-debilita` li taqa` fl-*expertise* tieghu u cioe` it-telf accertat tal-vista fl-attur kagun tal-incident incida fuq id-dizabilita` totali tieghu. L-espert tal-Qorti stabilixxa li dik id-dizabilita` tammonta ghal 24% (mhux 40% kif kien sab l-espert mediku *ex parte*). Din il-Qorti sejra toqghod fuq ir-rata ta` dizabilita` determinata minn Dr. Mallia u cioe` 24%. Pero` sejra zzid maghha d-debilita` l-ohra ta` 10% li l-presenza

taghha kienet accertata mill-espert mediku *ex parte* u li dwarha ma kienx rrelata Dr. Mallia ghar-ragunijiet diga` indikati ghalkemm fir-relazzjoni tieghu jaghmel riferenza ghall-feriti fil-wicc tal-attur. Ghalhekk id-debilita` totali tal-attur hija **<u>34%</u>** (24% + 5% + 5%).

Ukoll ghall-fini tal-kalkolu tal-*lucrum cessans*, irrizulta li fiz-zmien tal-incident l-attur ma kienx jahdem. L-attur esebixxa id-dokument Dok DL1 rilaxxjat mill-Korporazzjoni Xoghol u Tahrig, fejn jirrizulta li bejn l-1 ta` Jannar 1999 u l-1 ta` Jannar 2000, il-paga minima nazzjonali kienet tammonta ghal Lm 47.38c (u cioe` **<u>€110.36</u>**) **<u>fil-gimgha</u>**. Din il-prova ma gietx kontestata.

Ukoll ghall-fini tal-kalkolu tal-*lucrum cessans,* irrizulta li fid-data tal-incident l-attur kellu **<u>26</u>** sena.

Ghall-istess fini, nafu li l-kawza tal-lum kienet prezentata fit-**<u>3 ta`</u> <u>Novembru 2000</u>**.

Din il-Qorti hija tal-fehma li ghall-fini tat-twettieq tal-*equation* li ghandha twassal ghall-kalkolu tal-*lucrum cessans* ghandhom jigu applikati l-parametri segwenti –

| | |
|---|---|
| Basi tal-multiplier | €8000 |
| Muliplier | 35 sena |
| Dizabilita` | 34% |
| Tnaqqis ghal lump sum payment | 4% |

Il-quantum tal-*lucrum cessans* ghandu jkun l-ammont ta` **<u>€91,392</u>** (€8000 x 35 x 34% x 96%).

Mal-*lucrum cessans* ghandu jizdied id-*damnum emergens* sabiex id-danni totali tal-konvenut ghandhom jammontaw ghal **<u>€91,781.77</u>** (€91,392 + €389.77).

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**1) Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut.**

**2) Tilqa` l-ewwel talba.**

**3) Tilqa` t-tieni talba u tillikwida d-danni globali tal-attur fl-ammont ta` wiehed u disghin elf seba` mija wiehed u tmenin Ewro punt sebgha u sebghin centezmu (€91,781.77).**

**4) Tilqa` t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta` wiehed u disghin elf seba` mija wiehed u tmenin Ewro punt sebgha u sebghin centezmu (€91,781.77) in linea ta` danni bl-imghax legali b'effett mil-lum.**

**5) Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------